MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Connie Axiak (ID:628860M) sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Connie Axiak**

**vs**

**Graziella Azzopardi (ID:313285M) u b'digriet tad-19 ta' April, 2005 gie kjamat in kawza Joseph Tabone f'ismu propju u ta' Tabone Computer Centre Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' April, 2005 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm427.84) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-8 ta' April, 2004, fi Triq Portanier, Santa Venera, bejn il-vettura bin-numru EBA-257**

**misjuqa mill-konvenuta, u l-vettura bin-numru MTW-151 misjuqa minn u proprjeta` ta' l-assikurata tas-socjeta` attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura tal-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.**

**Interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Ottubru, 2004, il-konvenuta baqghet inadempjenti.**

**L-ammont mitlub jinkludi s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) excess imhallsa mill-assikurata tas-socjeta` attrici, Connie Axiak, li kienet assikurata taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax pagabbli mit-18 ta' Ottubru, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fl-24 ta' Jannar, 2005, fejn intqal:**

**i. Preliminarjament il-konvenuta titlob il-kjamata in kawza tas-socjeta` Tabone Computer Centre Limited li maghha hija kienet impjegata u li proprjeta` taghha kienet il-vettura li permezz taghha sehh l-incident awtomobilistiku oggett ta' din il-kawza u dan billi din l-istess socjeta` kienet fid-dover li tassikura li l-kopertura assikurattiva fuq il-karrozza li permezz taghha sehh l-incident u li kienet tintuza ghax-xoghol kienet wahda adegwata u sservi sabiex incidenti bhal dak li kellha l-konvenuta jkunu koperti minn tali assikurazjoni.**

**ii. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghad illi l-incident awtomobilistiku ma sehhx minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku izda kawza ta'**

**cirkostanzi accidentali (casus) li fuqhom il-konvenuta ma kelliex ebda kontroll meta sehh telf ta' kontroll tal-vettura minhabba zlieq fit-triq kawzat minn xi sustanza li kienet giet depozitata fit-triq.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra r-risposta tal-kjamat in kawza prezentata fit-12 ta' Mejju, 2005 fejn intqal :**
**In rigward tal-kjamat in kawza Joseph Tabone f'ismu propju qed jigi rilevat il-fatt li m'hemmx relazzjoni guridika bejnu u bejn is-socjeta` attrici peress li hu ma kienx involut fl-ebda mod, u hu lanqas ma hu l-employer tal-konvenuta Graziella Azzopardi.**
**Fir-rigward tas-socjeta` Tabone Computer Centre Ltd m'hemmx relazzjoni guridika bejnha u s-socjeta` attrici.**
**Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` Tabone Computer Centre fliet bir-reqqa il-kwalifiki u licenzji kollha tal-konvenuta Graziella Azzopardi meta kienet impjegata u ghalhekk ma tistax tinstab responsabbli ghal culp in eligendo.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Connie Axiak, Carmel Axiak, Graziella Azzopardi, Joseph Tabone u Josef Orlando. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi l-kaz jirrigwarda kolizzjoni illi sehhet fit-8 ta' April, 2004, fit-Triq Portanier, Santa Venera. Il-kolizzjoni sehhet bejn il-vettura numru MTW-151 misjuqa minn Connie Axiaq u l-vettura numru EBA-257 misjuqa mill-konvenuta. Il-konvenuta impjegata ma Tabone Computer Centre Limited talbet il-kjamat kawza ta' l-istess socjeta peress illi impjegata u skond hi l-kopertura assigurattiva ma kienetx tajba ghaliha.**
**2. L-incident sehh meta l-vettura tal-attrici kienet wieqfa u l-istess konvenuta baqat diehla fiha.**
**3. Il-konvenuta qalet illi kien hemm iz-zejt u skidjat, wara l-incident maret ghand Joseph Tabone ta'**

**Tabone Computer Centre Limited li skond hi qallha biex ma tinkwetax peress illi l-assigurazzjoni kienet tkopriha.**

**4. L-istess Joseph Tabone xehed illi l-konvenuta meta giet impjegata kienet indikat illi taf is-suq. Ma jirrizultax illi l-istess Joseph Tabone kien jaf wisq aktar minn hekk fuq l-incidnet, hlief dak li gie referit lilu. Dwar diskors li qal lill-konvenuta Tabone jichad illi qalilha d-diskors li tallega hi, pero' jghid illi qalilha li l-importanti li ma wegga hadt u li affarijiet ta' danni jistu jitrangaw. L-istess Tabone dwar assigurazzjoni jammetti li l-isem tal-konvenuta, li kienet persuna ta' certu eta', biz-zball aministrattiv ma kienetx giet registrata, pero' l-vettura kienet koperta b'assigurazzjoni.**

**5. Tenut kont ta' dak li ntqal it-Tribunal, jinnota illi ma hemm ebda relazzjoni guridika la minn Joseph Tabone personali u lanqas minn Tabone Computer Centre Limited mas-socjeta attrici. L-unika relazzjoni guridika f'dan il-kaz hija tal-konvenuta mal-atturi.**

**6. Ma hemmx dubju li l-konvenuta kienet responsabbli ghal incident illi sehh meta din dahlet fil-karozza parkeggata tal-atturi u d-danni jirrizultaw pruvati fl-ammont mitlub skond id-Dok GMI1 sa Dok GMI7.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jillibera lil Joseph Tabone f'ismu propju u ghan-nom ta' Computer Centre Limited mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundana lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u zewg liri maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm402.84) u lil Connie Axiak is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira malitja (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet dekkoribbli mit-18 ta' Ottubru, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-kjamat fil-kawza u inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------